MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Numru. 651/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**KONTRA**

**SAVIOUR CHIRCOP**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Saviour Chircop ta’ 30 sena, bin Guido u Margaret nee’ Borg, mwieled nhar it- 30 ta’ Awwissu 1976, u residenti fil-fond 37, Miquerida, Triq Misrah il- Barrieri, Msida, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 456576(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
Nhar l- 4 ta' Mejju 2008 , ghal habta tad- 9.00am fl- Msida, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Victoria Charmaine Briffa (ID no. 410583M) u dan kif gie iccertifikat minn Dr. J. Portelli Demajo MD. Dan bi ksur tal- Artikoli 221 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

1) Aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi, hebb kontra Victoria Charmaine Briffa sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmillha hsara lil din il- persuna (339(1)(d));
2) Ghamillha ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f'dan il- Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurjha b'mod li johrog barra mil- limiti tal- provokazzjoni (339(1)(e));
3) Taha fastidju lil Victoria Charmaine Briffa ai terminu tal- Artikolu 251 A tal- Kapitolu 9 tal –Ligijiet ta' Malta.
4) Minhabba l- imgieba tieghu, ikkaguna lil Victoria Charmaine Briffa li tibsa' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta taghha u dan kif indikat fl- Artikolu 251 B tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
5) Akkuzat ukoll talli bhala ufficjali jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat iehor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l- kariga tieghu hu kellu d- dmir li jimpedxxi ai terminu tal- Artikolu 141 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;
Rat illi fil-verbal ta' llum il-*parte civile* Victoria Charmaine Briffa, li tigi mart l-imputat, irrinunzjat ghall-azzjoni kontra zewgha, u dan wara li stqarriet quddiem il-Qorti li huma

kienu irrikonciljaw ghal kollox, u li dan l-incident kien wiehed isolat.

Rat illi ghalhekk l-istess *parte civile* talbet lill-Qorti, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 543 u 545 tal-Kap 9, jitwaqqfu dawn il-proceduri kontra l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jittratta incident bejn koppja mizzewga, u in vista tad-dhul fis-sehh la-ligi kontra l-Vjolenza Domestika, il-Qorti llum hi munita b'aktar mezzi kemm biex tipprotegi lill-vittmi ta' agir aggressiv fid-dar matrimonjali, kif ukoll biex tassigura li fejn hu possibbli u ghaqli, tippreserva r-rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin. F'dan il-kaz il-Qorti hekk fil-fatt ghamlet. Semghet lil mart l-imputat tiddikjara li trid tirrinunzja ghall-azzjoni kontra zewgha, u semghet ukoll ir-ragunijiet ghal din it-talba. Il-Qorti tinsab soddisfatta li r-ragunijiet moghtija huma tajba u gustifikati, u ma hemm ebda perikolu ghall-inkolumita' taghha. Dan kien incident ghal kollox isolat, minghajr ebda konsegwenza serja, u l-partijiet jinsabu rikonciljati ghal kollox. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li hemm l-estremi biex tichad it-talba ghall-waqfien tal-azzjoni tal-mara kontra zewgha u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza, liema talba ghaldaqstant sejra tintlaqa' mill-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 221(1), 251A, 251B, 141, 339(1)(d) u (e), u t-tieni proviso tal-Artikolu 543(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilqa t-talba tal-parte civile Victoria Charmaine Briffa, u twaqqaf il-proceduri kontra l-imputat.

Din il- Qorti ghalhekk tiddikjara l-procediment ezawrit.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------